MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2013

Numru. 1194/2012

Il-Pulizija
(Sp Gabriel Micallef)
vs
Konrad Cassar, iben David, imwieled l-Imtarfa fis-16 ta' Awwissu, 1977, karta ta' l-identita' numru 376677(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fit-12 ta' Ottubru, 2012, f'xi ħin matul il-lejl fi Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar:
1. minn ġewwa il-ħanut 'Sofra' kkometta serq ta' flus, liema serq hu kkwalifkat bil-ħin u bil-valur, liema valur tal-ħaġa misruqa jeċċedi l-€232.94 iżda mhux iżjed minn €2,329.37 u dan għad-dannu ta' Ismail Suruco u/jew persuni oħra;
2. sar reċidiv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Marzu, 2013 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-ammont misruq hu ta' €1,100.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Mazu, 2013 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-imputat fiż-żmien tar-reat kellu problema tad-droga.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Marzu, 2013 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-imputat ikkopera bi sħiħ mal-pulizija.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Marzu, 2013 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 49, 50, 261(ċ)(f), 267, 270, 279(a) u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------